# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Ħamis, 27 ta' Ġunju, 2019

**Numru 2**

**Rikors Numru 525/18TA**

**Applecore Foods Limited (C55240)**

**vs**

**Keith Perry (ID 12072M) u Sylvia Perry (KI Nru. 81681M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tas-Socjeta` Attriċi preżentat fil-25 ta' Mejju, 2018 u maħluf fl-istess data minn Christopher Zammit Lupi li permezz tiegħu talbet u ppremettiet is-segwenti:-

> "Illi l-intimati xtraw u akkwistaw minghand il-kumpannija rikorrenti diversi merkanzija u prodotti;
>
> Illi l-intimati illum jinsabu debituri lejn il-kumpannija rikorrenti fis-somma €16,346.80 (sittax-il elf tlett mija u sitta u erbghin Ewro u tmenin centezmu) rapprezentanti bilanc ta' prezz tal-merkanzija u prodotti mibjugha u konsenjati lill-intimati;
>
> Illi, l-intimati nonostante li gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu dan id-debitu baqghu inadempjenti;

Illi dana d-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-kumpannija rikorrenti l-intimati ma ghandhom ebda eccezzjoni xi jressqu ghall-hlas ta' dan id-debitu;

Ghaldaqstant jghidu l-intimat ghaliex dina l-Onorabbli Qorlti ma ghandhiex:-

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikolu 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lill-kumpanija rikorrenti s-somma ta' €16,346.80 (sittax-il elf tlett mija u sitta u erbghin Ewro u tmenin centezmu) rapprezentanti bilanc ta' prezz tal-merkanzija u prodotti mibjugha u konsenjati lill-intimati, bl-imghaxijiet, bl-ghola rat askont il-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta, ulterjuri mid-data tad-dovut pagament sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjes, inkluzi tal-Mandat ta' qbid Kawtelatorju Numru 7583/18 u tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 752/18, kontra l-intimati li huma minn issa ingunti in subizzjoni."

Rat li għalkemm debitament notifikati l-Konvenuti baqgħu ma għamlu ebda risposta;

Rat li fis-seduta tas-16 ta' Mejju, 2019 għalkemm il-Konvenuti reġgħu ingħataw opportunita' li jagħmlu risposta fuq il-kap tal-ispejjeż, stante li fil-kors tal-kawża ħallsu l-ammont reklamat mis-Soċjeta' Attriċi, baqgħu kontumaċi;

Rat li ghalkemm fis-seduta tas-17 ta' Ġunju, 2019 ingħataw opportunita' jagħmlu nota ta' osservazzjonijiet ai termini tal-artikolu 158(10) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, baqgħu ma ppreżentaw xejn;

Rat li l-kawża tħalliet ghal-lum għas-sentenza fuq il-kap tal-ispejjeż.

**Konsiderazzjonijiet**

Dwar it-talbiet attriċi ma hemm xejn x'jingħad peress li l-mertu tal-kawża gie eżawrit fil-mori tal-kawża. Baqa' biss il-kap tal-ispejjeż x'jiġi deċiż. Huwa ċar li l-Konvenuti għandhom jissoportu l-ispejjeż tal-kawża.

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti għalhekk qegħdha taqta' u tiddeċiedi l-kawża bil-mod segwenti:-

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba għar-raġunijiet fuq imsemmija;

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba stante pagament fil-mori tal-kawża.

Tordna li l-ispejjeż kollha tal-kawża ghandhom ikunu sopportati mill-Konvenuti.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**